**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, it-30 ta' Novembru 2022**

Kaz Nru: 290/10

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Jesmond J. Borg u Spettur Spiridione Zammit)

**kontra**

**CONCETTA DECELIS**

(Detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 737248(M))

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Concetta Decelis** ta' wiehed u sittin (61) sena bint Anthony Mangion u Camela nee Cappello imwielda Tarxien nhar id-19 ta' Awwissu 1948, prezentement residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u detentrici tal-karta ta' l-identita' 737248M, akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-20 ta' Novembru 20229 u matul il-granet ta' qabel, waqt li kienet fil-Faciliata' Korrettiva ta' Kordin;

1. Bieghet jew xort' ohra ttraffikat ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza u dan bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza (skont l-Art. 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta), liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;
3. Saret recidiva b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provedimenti ta' l-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz tal-istess Ordni, ordna li l-imputata titressaq quddiem din il-Qorti biex twiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta;

Rat ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi li kienu gia instemghu minn din il-Qorti diversament ippreseduta;

Rat u semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

A. <u>Il-Fatti</u>

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li detenuta gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin gewwa Sezzjoni Female B, Carmela sive Carmen Spiteri infurmat lil WC01 Karen Grech li hija kienet giet mghoddija oggett projbit u li qed tibza li min ghaddiehula ghamel dan bil-ghan li jghamilha rapport negattiv gewwa l-habs. Grech tatha parir li f'dawn ic-cirkostanzi hija kellha jew tghaddi lura l-oggett projbit lil min tahula jew altrimenti tarmieh. Spiteri ghazlet li tarmi dan l-oggett.

Sussegwentament, mix-xhieda mghotija minn mill-istess Spiteri jirrizulta li Concetta Decelis kienet sabet lil Carmen Spiteri fit-toilets fejn mill-qiegh taz-zarbun, Decelis, kienet harget dan il-qartas u ghaddietu lil Spiteri fejn infurmata li dan kien minghand binha, li min-naha tieghu waqt visit kien qallha (lill-imputata) biex tghaddieh lilha (Spiteri). Spiteri accettatu.

Meta Spiteri ndunat li s-sustanza kienet droga u wara li tkellmet ma *inmate* ohra u qaltilha li Decelis setghet ghaddithiela dan il-qartas bil-ghan li tingana lil Spiteri, (fis-sens li Concetta Decelis taghmilha rapport mal-awtoritajiet tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin bil-ghan li Spiteri tirrizulta pozittiva ghat-test tal-urina wara li tkun ikkunsmat din is-sustanza), tkellmet ta' WC01 Karen Grech. Kemm Spiteri kif ukoll Grech jixhdu li, Spiteri staqsietha (lil Grech) x'ghandha taghmel f'kaz li hija nghatat oggett projbit li hija ma riditx ghaliex kellha l-biza li min taghha l-istess oggett ried jipprova jilghabha. Grech tghid li sa dan l-istadju Spiteri dehret imbezza' u bdiet tibki u fl-ebda hin ma qalet x'kien dan l-oggett. B'risposta ghal dan Grech issuggerritilha li hija kellha jew tghaddi lura l-oggett lil min kien taghula jew altrimenti tarmieh. Sussegwentament ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija, Spiteri regghet marret tkellem lil Grech flimkien ma WCO25 Nina Formosa u infurmata li l-oggett kien *smoke* u li kienet tathiela Connie Decelis wara li kellha vista ma Jason Decelis. Skond ix-xhieda mghotija fl-inkjesta, Grech ikkonfermat li f'dan l-istadju Spiteri infurmata li hija kienet ramiet din is-sustanza gewwa z-zibel wara tefghata go bott tal-kafe. L-ghada filghodu Formosa infurmat lill-Maggura u kien propju f'dak il-hin li saret tfittxija fiz-zibel. Hemm hekk huma sabu l-qartas hekk kif Spiteri kienet infurmat lill-ufficjali li rmietu u cioe' go bott tal-kafe. Dan l-oggett gie elevat u l-pulizija gew infurmati. Min-naha taghhom il-pulizija nfurmaw il-Magistrat tal-ghassa li fetah inkjesta u fost esperti ohra, nnomina bhala espert lix-xjenzat Godwin Sammut bil-ghan li janalizza s-sustanza mormija minn Spiteri. Sammut ikkonkluda:

> *"Illi fl-estratt mehud mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 453-09-01 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol sustanza li tigi mill-pjanta kannabis. Il-piz tas-sustanza kien ta' 0.20grammi u l-purita' kienet ta' circa 8%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi that Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*[1]

Min-naha taghha WCO25 Nina Formosa tghid li hija kienet xoghol nhar il-Gimgha l-20 ta' Novembru 2009 u meta dahlet ghax-xoghol ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija hija sabet lil Spiteri titkellem ma Karen Grech. Dak il-hin Spiteri bdiet tghid lil Grech li ghandha xi haga illegali, filwaqt li Grech bdiet issaqsieha dan l-oggett x'kien – jekk hux sikkina, mobile, etc… Sussegwentament Spiteri qalet lil Grech li hija kellha droga. Dak il-hin Grech bdiet tghidilha sabiex igibha madanakollu Spiteri rrifjutat ghax inkella jinfethielha kaz. Formosa talbet lil Grech sabiex jghajjtu ghal SRT izda Grech qaltilha li ma kienx hemm ghalfejn galadarba hija kienet remieta. Madanakollu Formosa xorta infurmat lill-Maggura Dorianne l-ghada filghodu. Formosa tikkonferma bil-gurament li kienet propju Grech li qalet lil Spiteri sabiex tarmi l-qartas go bott tal-kafe. Formosa tikkonferma li Grech u Spiteri kienu hbieb barra mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Hija tispjega li fix-xoghol taghha hija kienet tiehu l-istruzzjonijiet minghand Grech.

Wara li nstabet is-sustanza fiz-zibel giet infurmata Anna Vella li min-naha taghha infurmat mal-ewwel lid-Direttur Abraham Zammit. Zammit mar jirraporta dan kollu lill-pulizija gewwa l-ghassa tar-Rahal il-Gdid.

B. Stqarrija tal-imputata

Illi fil-mori tal-investigazzjonijiet fil-konfront taghha, l-imputata Concetta Decelis irrillaxxat stqarrija lill-pulizija. Din l-istqarrija ttiehdet mill-ispetturi Jesmond J. Borg u Spiridione Zammit nhar l-24 ta' Novembru 2009. Decelis ghazlet li tiffirma l-istess stqarrija. Din l-istqarrija ttiehdet wara li Decelis giet imwissija li ma hijiex *obbligata li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem imma dak li tghid jista' jingieb bi prova*. Mill-atti processwali ma jirrizultax li hija nghatat id-dritt ghall-assistenza legali la qabel u wisq inqas waqt l-istqarrija. Ta' min jghid ukoll li dak iz-zmien, fis-sena 2009, il-Kodici Kriminali ma kienx jipprovdi ghad-dritt tal-assistenza legali la qabel u lanqas waqt l-istqarrija.
Mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm ragunijiet impellenti l-ghaliex l-imputata ma gietx mghotija d-dritt ghall-assistenza legali. Minn qari tal-istess stqarrija jirrizulta car li l-imputata inkriminat lilha innifisha

[1] Fol. 10 ta' Dok. JM1.

b'referenza ghall-imputazzjoni dedotta fil-konfront taghha. Din l-istqarrija ghalkemm ma hijiex l-unika prova hija prova determinanti u dan fid-dawl ta' dak li ser jigi spjegat iktar tard f'din is-sentenza fir-rigward tax-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni. Jinghad ukoll li fl-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti (diversament ippreseduta) nhar is-17 ta' Jannar 2012, id-difiza attakat l-istqarrija rrillaxata minn Decelis u ddikjarat:

> *"Dr. Tonio Azzopardi jghati avviz li Concetta Decelis qeghda tizmentixxi l-istqarrija taghha esebita. Illi ghar-ragunijiet li jigu spjegati aktar 'il quddiem u tinforma lil din l-Onorabbli Qorti illi fiz-zmien li ttiehdet l-istqarrija hija talbet biex l-ufficjal investigattiv imur ikellimha biex hija tkun tista' tizmentixxi mieghu l-imsemmija stqarrija."*

Fl-ahhar net jinghad ukoll li minn analizi tal-fedina penali jirrizulta li Decelis kellha biss kundanna wahda ohra.

Din il-Qorti, wara li qieset il-principji stabbiliti fl-insenjament mghoti fil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, u l-principji stabbiliti ricentament permezz tas-sentenzi mghotija mill-Qrati ta' gurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[2], fid-dawl tac-cirkostanzi hawn fuq imsemmija ma hijiex ser tistrieh u/jew taghmel l-ebda referenza fuq l-imsemmija stqarrija fil-kunsiderazzjonijiet taghha u dan bil-ghan li jigi assigurat li d-drittijiet tal-imputata ghad-dritt ta' smigh xieraq ma jigiex mittifes.

C. Kunsiderazzjonijiet dwar htija o meno

Permezz tal-proceduri odjerni, Decelis tinsab akkuzat bir-reati ta' traffikar u pussess aggravat tar-raza tal-Cannabis gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Hija giet akkuzata ukoll li hija recediva. Galadarba, fid-dawl ta' dak suespost, giet skartata l-istqarrija, issa din il-Qorti ser tghaddi sabiex tanalizza l-bqija tal-provi mressqa mill-prosekuzzjoni.

Ix-xhud principali hija Carmela Spiteri. Spiteri tghid bil-gurament li kienet propju l-qua imputata li kienet tatha s-sustanza projbita (qartas kontenenti raza tal-Cannabis). Hija tispjega li Decelis kienet ghaddithiela l-istess sustanza wara li din kien ghaddihiela binha waqt visit. Xhieda ohra huma l-

[2] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022) u Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022).

ufficjali fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li kien sarilhom ir-rapport relatat ma dan il-kaz – WC01 Karen Grech u WCO25 Nina Formosa.

L-ewwel ufficjal li rceviet ir-rapport kienet Grech. Sussegwentament kienet giet infurmata anke Formosa. Din il-Qorti analizzat fid-dettal hafna x-xhieda ta' dawn iz-zewgt ufficjali u bir-rispett kollu jrid jinghad li l-agir taghhom ma kienx dak mistenni minn ufficjali fi hdan il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u ghaldaqstant din il-Qorti trid necessarjament tistaqsi r-raguni l-ghaliex l-istess ufficjali agixxew kif agixxew.

B'referenza ghax-xhud Karen Grech, li kienet l-ewwel ufficjal li giet infurmata minn Spiteri li hija kellha oggett projbit fil-pussess taghha li kien gie mghoddi lilha minn persuna ohra u ma tafx x'ha taghmel bih. Mill-provi pprezentati fl-atti processwali odjerni jirrizulta li f'dan l-istadju kienet propju Grech stess li tat parir lid-detenuta Spiteri li ghandha zewgt ghazliet l-ewwel li tirritorna l-oggett projbit lil min tahula u t-tieni li tarmieh. Meta hadet il-pedana tax-xhieda fil-proceduri odjerni hija ssostni li f'dan l-istadju hija ma kinitx konsapevoli li l-oggett projbit kien droga u dana l-ghaliex ghalkemm mistoqsija diversi drabi Spiteri baqghet ma qaltiliex. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ma huwiex accettabli. Mal-mument li Grech giet infurmata li kien hemm oggett projbit fil-pussess ta' prigunier hija kellha tieghu dawk il-mizuri kollha necessarji sabiex dan l-oggett jigi identifikat u maqbud. Il-fatt li Spiteri ma tatiex informazzjoni dwar x'kien l-oggett ma tista qatt f'dawn ic-cirkostanzi tintuza bhala skuza. Fit-tieni lok il-pariri mghotija minn Grech ma humiex fl-ahjar interess tas-sahha u s-sigurta tal-persuni detenuti. Flok ghamlet minn kollox sabiex tirkupra l-oggett hija tat parir sabiex terga tghaddieh lil min tahula bil-konsegwenza naturali li l-oggett projbit ser jibqa' fic-cirkulazzjoni. Il-fatt li Spiteri ma kinitx qalet lil Grech x'kien l-oggett projbit ma hijiex ta' gustifikazzjoni ghal Grech sabiex tagixxi kif effettivament agixxiet. Fil-fatt Grech baqghet ma qalet lil hadd bl-akkadut u dan minkejja li Formosa ddeskrivieta bhala l-persuna li kienet responsabbli mill-ufficjali l-ohrajn kollha xoghol fix-xift ta' bil-lejl. Mill-provi jirrizulta ukoll li kienet propju Grech li tat il-parir lil Spiteri sabiex tarmi d-droga gewwa bott tal-kafe. Il-Qorti ssaqsi dan ghaliex? L-unika risposta li din il-Qorti tista' ssib hija sabiex is-sustanza illegali tibqa intatta u ma tithallatx ma skart iehor. Dan jistgha jigi interpretata bhala agir ta' xi hadd li jippreserva dak li ha jarmi u mhux biss jarmi. Il-fatt li Grech ghazlet li ma tirraportax lill-awtoritajiet tal-habs izda fl-istess hin qaltilha tarmi d-droga go bott tal-kafe, jindika li setgha kien hemm mottivi ulterjuri.

Formosa min-naha taghha semghet il-konversazzjoni ta' bejn Grech u Spiteri. Marret ukoll ma Spiteri tarmi d-droga. Bil-gurament tghid li kien

imisshom ghajjtu lil ta' SRT (Special Response Team) izda dan ma sarx u hija kienet ferm inkwetata kif imxew l-affarijiet li malli dahlet il-maggura ta' filghodu hija marret immedjatament tirraporta lilha dak li kien sehh. Mix-xhieda ta' Formosa jirrizulta ukoll li kien hemm hbiberija minn barra l-habs bejn Spiteri u Grech. Dan jistgha jispjega l-agir ta' Grech meta giet mitkellma minn Spiteri. Di piu' jirrizulta ukoll li Spiteri ma haditx tajjeb il-fatt li Formosa kienet irrapurtat dak li gara lill-maggura ta' filghodu. Fil-fatt mix-xhieda ta' Formosa jirrizulta li wara Spiteri kienet marret fuqha u qaltilha diskors bhal 'hija ma hijiex mara'. Dan jindika ukoll li kien hemm xi tip ta' ftehiem bejniethom li kollox jibqa' mistur.

Dan l-agir juri bic-car li l-ufficjali tal-habs ma agixxewx kif kellhom jagixxu skond il-mestier taghhom. Dan bir-rispett kollu jwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzzjoni li hija ma tistiex tistrieh fuq il-verzjoni mghotija minnhom ghal zewg ragunijiet principali:

i. Fix-xhieda taghhom necessarjament riedu jiddefendu d-decizzjoni li hadu dakinhar – decizzjonijiet li definittivament ma kienux dawk mistennija minnhom fl-interess tal-mistier taghhom;
ii. L-agir taghhom jindika li kien hemm xi arrangement bejniethom u aghar minn hekk jirrizulta li kien hemm hbiberija bejn Grech u Spiteri.

Konsegwentament din il-Qorti ma thossx li ghandha tistrieh fuq il-verzjonijiet mghotija minn dawn l-ufficjali sabiex tkun tista' tigi sostanzjata dak li qalet Spiteri.

Rigward ix-xhieda ta' Spiteri, din il-Qorti ma temminx lil Spiteri meta tiddikjara li hija ma kinitx taf li l-oggett li allegatament tatha Decelis kien illegali u dana ghaliex skond il-verzjoni ta' Spiteri Decelis gabet is-sustanza illecita minn gewwa l-qiegh taz-zarbun. Il-fatt wahdu li, skond il-verzjoni ta' Spiteri, Decelis gabet is-sustanza minn gewwa l-qiegh taz-zarbun kien indikattiv li dan kien sustanza illegali. Il-fatt li Formosa xehdet li wara li sari r-rapport hija giet avvicinata minn Spiteri bil-ghan li taffronta rigward l-istess ukoll ma jaghtiex kredibbilita' l-verzjoni ta' Spiteri. Fl-ahhar net, din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li kieku Spiteri kellha verament l-intenzjoni tarmi s-sustanza illecita din ma kinitx tigi mormija go bott tal-kafe. Il-fatt li tefghata go bott tal-kafe jindika li hija riedet tippreserva din is-sustanza bil-ghan li tigi misjuba izjed tard. Fir-rigward ta' dawn ir-rizultanzi u galadarba giet skartata l-istqarrija din il-Qorti hija tal-fehma li ma jkunx safe and satisfactory li tistrieh unikament fuq il-verzjoni ta' Spiteri ghal sejbien ta' htija fil-konfront ta' Decelis u dana ghaliex fic-cirkostanzi tal-kaz odjern il-provi mressqa (bl-eskluzzjoni tal-istqarrija) jistghu jindikaw bl-istess mod li Spiteri setghet ghamlet ir-rapport li ghamlet biex tinganna lil Decelis. F'dawn

ic-cirkostanzi din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li din il-Qorti lahqet il-livell ta' prova rikjest fil-proceduri kriminali u konsegwentament ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputata mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti qed issib lill-qua imputata Concetta Decelis mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u konsegwentament qed tilliberaha mill-istess.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur